**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Vella)**

**-vs-**

**Miguel Gaffarena, detentur tal-karta tal-identità Maltija bi numru 360790M**

*Kumpilazzjoni Nru. 205/2024*

Illum, 16 t'April, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Miguel Gaffarena** u ċioe` talli:

Fi 17 ta' Frar 2024 ġewwa il-lokalita ta' Birkirkara u/jew fi bnadi oħra fil-gżejjer Maltin:-

1. Bil-ħsieb li jagħmel delitt, u ċioe b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex jqanqal tama jew biża dwar ġrajja kimerika, u dan billi prova jagħmel qligħ ta' aktar minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5000) għad-detriment ta' Clint Abela u Charles Zammit (PhoneRefix) u/jew persuni oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu u dan bi ksur tal-artikoli 41 (1) (a), 308, 309 u 310 (b) tal-Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta;

2. Aktar talli xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, liema ħwejjeġ għandhom valur ta' elf u tlett mitt euro (€1,300), sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex jbigħhom jew jmexxihom u dan bi ksur tal-artiklu 334 (a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U iktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu.

i. Fil-każ ta` ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. *Ai termini* tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385, 412Ċ u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-familjari tal-vittmi kif ukoll sabiex tipprovdi għas-sigurtà tax-xhieda kollha li eventwalment jiddeponu f'din il-kompilazzjoni, bil-għan li x-xhieda kollha jkunu protetti minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġunalhom biża' ta' vjolenza;

Rat li fis-seduta miżmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kodiċi, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried seta jerġa lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat li jista' jingħad ingħatat fi stadju bikri, in-natura tal-imputazzjonijiet li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fedina penali tiegħu minn fejn jirriżulta li l-imputat kien ingħata sanzjoni komunitarja ai termini tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk ma jistax jitqies li hu reċidiv, kif ukoll taċ-ċirkostanzi tal-każ. Ittieħed kont tal-fatt li l-ewwel imputazzjoni serviet bħala mezz ai fini għat-tieni imputazzjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tilliberah mill-addebitu tar-reċidiva, wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 261(ċ), 279(a), 308, 310(1)(b) u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu w tikkundannah għal **tmien (8) xhur priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għall-erbatax (14) il-xahar millum.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**